26 ta' Frar, 1954

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D., C.B.E.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Maria Caruana ne.** *versus* **Carmela Sciortino**

**Legat — Newl ta' l-Insiġ — Konsorzju.**

***Każ fejn ġie ritenut illi bil-prelegat li t-testatur għamel lill-konvenuta ta' newl ta' l-insiġ u tal-komunjoni tal-kamra fejn kien jinsab dak in-newl, kien hemm destinat mit-testatur l-użu speċjali ta' dik il-kamra biex il-prelegatarja taħdem fiha n-newl, u li għalhekk dik il-konvenuta ma kellhiex tiġi kundannata, fuq talba ta' l-attur komproprjetarju ta' dik il-kamra, li tneħħi n-newl minn dik il-kamra. U dan aktar u aktar minħabba l-fatt illi n-newl kien jinsab imwaħħal in parti ma' l-art u mal-ħajt bil-ħadid—ħaġa li kienet turi li n-newl kien imgħaqqad mal-kamra u kien intiż biex jitħalla u jinħadem f'dik il-kamra komuni.***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attriċi fil-kwalità tagħha *fuq* imsemmija, wara li ppremettiet illi l-kontendenti jippossjedu diviżament bejniethom il-lok ta' djar numru 13 First Street, Mellieħa; u illi l-entrata ta' dan il-lok ta' djar hija komuni għall-kontendenti (dok. B); u illi *l-konvenuta ngumbrat dina* l-entrata, li ġġib *in-numru* 13 First Street, Mellieħa, b'apparat għall-insiġ (newl) u b'xi oġġetti oħra, u illi dan huwa ta' preġudizzju għall-interessi tagħha fl-imsemmija kwalità, u l-entrata għandha tkun libera; u illi l-konvenuta ġiet inutilment interpellata mill-imsemmi Antonio Caruana sabiex tħalli din l-entrata libera b'ittra uffiċjali tat-2 ta' Ottubru 1950; talbet

illi premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenuta tiġi kundannata minn dik il-Qorti illi fi żmien qasir tneħħi mill-imsemmija entrata tal-lok ta' djar nru. 13 First Street, Mellieħa, l-apparat ta' l-insiġ u xi oġġetti oħra li għandha fiha, u tħalliha libera; u, in difett ta' dan, hija fl-istess kwalità tagħha tiġi awtorizzata minn dik il-Qorti li tagħmel ix-xogħol neċessarju sabiex l-imsemmija entrata tkun libera, u dan a spejjeż tal-konvenuta. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Ottubru 1952, kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha teċċepixxi illi hija, bħala komproprjetarja, għandha dritt tagħmel użu mill-ħaġa komuni, basta b'mod li ma tagħmeix ħsara lill-proprjetarji l-oħra; u għalhekk, billi l-attriċi ma ġiebet l-ebda motiv li jġib preġudizzju, id-domanda tagħha hi priva minn kwalunkwe fondament, u għandha tiġi respinta minn din il-Qorti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Ottubru 1953, li biha dik il-Qorti pprefiġġiet lill-konvenuta żmien għoxrin ġurnata biex tneħħi mill-entrata tal-fond fuq imsemmi n-newl ta' l-insiġ u l-oġġetti l-oħra li għandha fiha, u hekk tħalli l-istess entrata libera għal kollox; u f'każ li l-konvenuta tonqos li tagħmel dan fiż-żmien hekk prefiss, awtorizzat lill-attur illi jagħmel huwa x-xogħol meħtieġ biex jirrendi dik l-entrata libera, u dan bi spejjeż tal-konvenuta; u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża tħallashom l-istess konvenuta; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-24 ta' Settembru 1931, Alessandro u Marianna miżżewġin Caruana.............ħallew bi prelegat rimuneratiy, u in pjena proprjetà lill-binthom, il-konvenuta, allura xebba, Carmela Caruana, porzjoni diviża tal-lok ta' djar fejn huma kienu joqogħdu, jiġifieri Strada Prima, 13, il-Mellieħa, li hu l-istess fond imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; liema porzjoni kellha tikkomprendi fost ħwejjeġ oħra, il-komunjoni ta' l-entrata ta' l-istess fond; u ħallew il-bqija ta' l-istess fond lit-tfal l-oħra tagħhom............ B'testment fl-atti ta' l-istess Nutar tas-6

ta' Settembru 1934, l-imsemmijin Alessandro u Marianna miżżewġin Caruana żiedu xi dispożizzjonijiet għat-testment tagħhom magħmul qabel, u ħallew bi prelegat rimunerativ lill-imsemmija binthom Carmela Caruana, il-konvenuta, fost ħwejjeġ oħra, in-newl ta' l-insiġ. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier tas-27 ta' Ġunju 1950, il-konvenuta ġiet immessa mill-eredi l-oħra fil-pussess tal-porzjoni diviża ta' dak il-lok ta' djar........... Kif ġie espressament indikat fil-kuntratt, l-immissjoni fil-pussess ta' dak il-lok ta' djar ġiet magħmula fis-sens illi kull porzjoni tiegħu ħolliha tikkomprendi l-komunjoni ta' l-entrata. In segwitu Antonio Caruana, l-attur, li hu ħu l-konvenuta, xtara l-porzjoni ta' dak il-lok ta' djar li kienet tappartjeni lill-eredi l-oħra.........
In-newl ta' l-insiġ fuq imsemmi kien u għadu jinsab fl-entrata komuni tal-fond, flimkien ma' xi oġġetti oħra;

Illi l-attur jippretendi illi, ladarba l-entrata tal-fond hi komuni għalih u għall-konvenuta, din ma tistax tħalli fiha dak in-newl ta' l-insiġ u l-oġġetti l-oħra, li qegħdin akkull jarrekawlu preġudizzju, billi qegħdin iservu ta' ngombru fl-entrata, u hekk ma jistax lanqas ibiegħ il-porzjoni tiegħu tal-fond, għaliex kull min imur jaraha biex jixtriha joġġezzjona għal dak ix-xiri minħabba dak l-ingombru, jew inkella joffri prezz baxx. Il-konvenuta tallega illi dak in-newl ta' l-insiġ minn dejjem kien jinsab f'dik l-entrata; illi ladarba l-ġenituri tagħha ħallewlha dak in-newl bi prelegat, l-intenzjoni tagħhom kienet li hija tagħmel użu minnu fil-post li fih dejjem jinsab; illi dak in-newl ma jistax jinqala' minn fejn hu bla ħsara; u illi hija ma għandhiex ambjenti oħra fl-istess fond fejn tqiegħdu;

Illi ma hemmx dubju illi bejn l-attur u l-konvenuta hemm komunjoni ta' l-entrata tal-fond fuq imsemmi, għaliex l-istess hi tagħhom "pro indiviso" (art. 526 (1) Kod. Ċiv.), u l-komunjoni fl-eżerċizzju tagħha hi kwalifikata bhad-dritt ta' proprjetà pjena, b'mod li l-konsorti kollha sad-diviżjoni jkollhom jeżerċitaw l-istess drittijiet fuq it-totalità tal-fond jew tal-ħaġa li tkun in komunjoni bejniethom, u kull konsorti jista' jeżerċita fuq il-ħaġa komuni l-attijiet ta' godiment kompatibili għad-destinazzjoni tagħha mingħajr ma jarrekaw pre-

ġudizzju għad-dritt ugwali tal-konsorti l-oħra (art. 528 Kod. Ċiv.; Vol. XVIII—III—44; Baudry-Lacantinerie, Dei Beni, para. 271). L-użu li l-konsorti jista' jagħmel mill-ħaġa komuni ma għandux jimpedixxi l-użu ugwali ta' l-istess da parti tal-konsorti l-oħra, li lilhom jispettaw drittijiet ugwali fuq il-ħaġa komuni (Ricci, Diritto Civile, Vol. V, para. 18);

Illi, skond dak li ntqal, il-pretensjoni ta' l-attriċi tidher ġustifikata. Minħabba n-newi ta' l-insiġ u l-oġġetti l-oħra li hemm fl-entrata komuni, u li qiegħda tuża l-konvenuta, dik l-entrata qiegħda tiġi evidentement ingumbrata, u hekk l-attur ma jistax jagħmel minnha l-użu li bħala komproprjetarju għandu dritt li jagħmel. Veru li dan in-newl kien jeżisti fejn jinsab il-lum, fl-entrata, anki fiż-żmien, u qabel ma l-istess ġie mħolli bi prelegat lill-konvenuta; imma minn imkien ma jirriżulta, almenu l-konvenuta ma ppruvatx dak li hija talleġa, illi kienet intenzjoni tal-ġenituri tagħha li hija tkompli tuża dak in-newl fl-entrata komuni ta' dak il-fond. Il-komunjoni ta' l-entrata u ta' l-ambjenti l-oħra bdiet wara l-mewt tal-ġenituri tal-kontendenti, u għalhekk, bin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fit-testment, jew ta' xi prova li turi illi kienet intenzjoni tat-testaturi li l-konvenuta kellha, wara mewthom, tuża n-newl ta' l-insiġ fl-entrata komuni tal-fond, għandu jiġi ritenut illi dik il-komunjoni nħolqot u għandha tibqa' sseħħ mingħajr ebda tfixkil. Kuntrarjament għal dak li allegat il-konvenuta, din għandha ambjenti oħra fil-porzjoni tal-fond spettanti lilha, fejn tista' tqiegħed, jekk trid, dak in-newl; u wkoll jekk ma għandhiex, hija għandha filkaż tqiegħdu band'oħra, u mhux tippreġudika d-drittijiet ta' l-attur, konsorti magħha f'dik l-entrata. Il-konvenuta lanqas ma ppruvat b'soddisfazzjon tal-Qorti, għall-importanza li forsi jista' jkollha, l-allegazzjoni tagħha li dak in-newl ta' l-insiġ ma jistax jitneħħa minn fejn hu mingħajr ħsara;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, li biha din appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Ottubru 1953;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuta appellanti, li talbet ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

u li jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tagħha;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti, kif rikapitolati fis-sentenza appellata, huma dawk li jirriżultaw mill-provi, u ma għandhomx għalfejn jiġu mtennija. L-appellanti ħalliet in-newl fejn sabitu meta wirtitu, u ilu f'dak il-post għall-anqas xi sittax il-sena; u għalhekk ebda innovazzjoni ma għamlet l-appellanti fl-użu u tgawdija ta' l-entrata komuni, u baqgħet tgawdiha kif sabitha. Huwa evidenti li bil-prelegat tan-newl u tal-komunjoni ta' l-entrata kien hemm destinat mill-missier dak l-użu speċjali ta' l-entrata, biex l-appellanti taħdem in-newl u taqla' l-għajxien tagħha. Biex jinġibdu l-klijenti, huwa naturali li n-newl jinħadem f'kamra li tidher mit-triq. Barra minn dan, in-newl jokkupa anqas minn kwart ta' l-entrata, u ma jostakolax lill-attur li huwa wkoll jagħmel użu mill-entrata. Certament l-entrata għandha sservi wkoll għal xi ħaġa, barra s-sempliċi passaġġ, u mhux raġjonevoli li fiha ma jitqiegħed xejn għall-użu u t-tgawdija tagħha, speċjalment meta l-attur jifdallu bosta wisa' u mhux prekluż mit-tgawdija wkoll fil-limiti tal-komunjoni u skond l-użu inveterat tal-post;

**Ikkunsidrat;**

Illi n-newl li l-appellanti wirtet flimkien mal-komunjoni ta' l-entrata f'dak l-istat jinsab imwaħħal in parti ma' l-art u mal-ħajt bil-ħadid, u dana juri li n-newl huwa ingħaqad mal-kamra u kien intiż biex jitħalla u jinħadem f'dik il-kamra komuni. Għaldaqstant l-appellanti għandha d-dritt tkompli tagħmel użu mill-entrata komuni billi tżommu u taħdem fiha n-newl kif wirtitu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija, u tiċħad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;